MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2012

Numru 396/2012

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

Jason Mark Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 371372M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer gewwa n-Naxxar, nhar is-7 ta’ April 2012, ghal habta tas-saghtejn u kwart (14:15) gewwa l-fond Flat no 2, Simblija Court , Triq is-Simblija, Naxxar:

(a) bil-hsieb li jikommetti serq bi vjolenza fuq il-persuna ta’ Emmanuela Micallef, ta 68 sena, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall esekuzzjoni tad-delitt, billi xejjer mannara, lejn l’imsemmija Emmanuela Micallef,

liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

(b) bil-hsieb li jikkaguna feriti ta natura gravi fuq il-persuna ta' Emmanuela Micallef jew li jqieghdilha l-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

(c) fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta' bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(d) fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi fil-hin li kienet qed jaghmel delitt kontra il-persuna ta' Emmanuela Micallef kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, immitazzjoni ta' arma tan-nar jew immitazzjoni ta' arma regolari;

(e) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied.

Akkuzat ukoll illi f'dawn il-Gzejjer gewwa Birkirkara, nhar il-11 ta' April 2012, ghal habta tal-ghaxra nieqes kwart (09:45) gewwa Triq il-Wied, Birkirkara:

(f) seraq ghoxrin Ewro (€20.00) minn ghand Emmanuela Micallef persuna ta' 68 sena, liema serq huwa aggravat bi vjolenza;

(g) fl-istess jum, lok , hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied
Akkuzat ukoll:

(h) f'April 2012 u fi xhur ta'qabel, gewwa n-Naxxar u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda kiser projbizzjoni jew restrizzjoni imposti fuqu

(Protection Order), mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. Joseph Apap Bologna LL.D.)

(i) rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Emmanuela Micallef u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal tal-lum;

Fuq l-iskorta tieghu ssib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlief ghall-imputazzjoni markati (h) u (i) li dwarhom m'ghandniex provi;

Rat l-Artikolu 41, 261(a), 262(1)(a), 276, 276A, 216, 338(dd) u 17 tal-Kap 9; L-Artikolu 6 tal-Kap 480.

Tiddecidi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta'tlett snin mill-lum. B'dan li flimkien mal-kundizzjoni li ghandu jobdu u segwi kull direttiva li tinghatalu mill-ufficjal tal-Probation ghandu jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni kontra l-abbuz tal-alcohol hekk kif tidderigih l-istess ufficjal.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------